MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2012

Talba Numru. 966/2011

**Go Plc C22334**

**Vs**

**Josette Cucciardi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fil-11 ta’ Novembru 2011 fejn is-socjeta attrici talbet illi konvenuta ghandha tigi kkunddannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ elf mija u sebgha u ghoxrin Ewro u erbghin centezmu (€1,127.40) liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40093252 u 10127056 moghtija mis-socjeta attrrici.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bil-ispejjez tal-kawza kif ukoll bl-imghax legali.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tal- konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-konvenuta giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tal-14 ta' Gunju 2012 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2012 u filfatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf mija u sebgha u ghoxrin Ewro u erbghin centezmu (€1,127.40) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------